MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tat-22 ta' Gunju, 2011

Avviz Numru. 505/2010

**F (Advertising) Ltd (C27689)**

**Vs**

**Maria Mamo**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' €9,292.00 (disat elef, mitejn u tnejn u disghin ewro) rapprezentanti ammont dovut mill-konvenut in konnessjoni ma servizzi debitament rezi fuq inkarigu tal-konvenuta ai termini ta' skrittura privata ffirmata minnha u datata 28 ta' Awissu 2009.

Bl-ispejjes inkluzi dawk ta' ittra ufficjali prezentata a tenur tal-artikolu 166A Kap 12 tal-Ligjiet ta' Malta datata Awissu 2010 u ta' mandat ta' sekwestru kawtelatorju pprezentat mal-istess ittra u bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data tal-ittra ufficjali sal-hlas effettiv ghas-saldu kontra l-konvenuta li giet ngunta ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenuta naqset u ma dehrux fil-15 ta' Gunju 2011 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra (ara ukoll fol 12 tal-atti kif ukoll il-verbal tas-seduta tallum stess).

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuta sabiex thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' €9,292.00 bl-imghax legali mill-31 ta' Awissu 2010 sad-data tal-pagament effettiv kif ukoll l-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali ta' Awissu 2010 u tal-mandat kawtelatorju ta' sekwestru bejn l-istess partijiet u prezentat matul Awissu 2011.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------